MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 775/2002/1

**Joseph Zammit**

**Vs**

**Bank of Valletta Plc**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' Lm213.85c (mitejn u tlettax il-lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) dovuti lilu mis-socjeta' konvenuta in konnessjoni max-xahar ta' Frar 2002 bhala zieda mal-pensjoni u dana skond it-termini tal-kuntratt ta' impieg tieghu ma' l-istess Bank.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ra r-risposta li fiha l-Bank of Valletta qalu li l-ammont ta' Lm213.85c (mitejn u tlettax il-lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) mhux dovut.

Ra l-Affidavit tal-konvenut fejn qal:

"1. Jiena dhalt nahdem fl-allura *National Bank of Malta* f'April 1954 f'kariga klerikali.

2. F'Settembru 1980, meta allura kont Manager tal-fergha ta' Marsa Bridge Wharf tal-Bank of Valletta (bil-grad ta' *Manager III*) kont irrizenjajt wara minacci u pressjonijiet intimidatorji mid-dirigenti ta' dak iz-zmien, u dana peress li socjeta' klijenta tal-Bank kien hemm biza li setghet tmur hazin u tikkawza xi telf lill-Bank.

3. Fl-1987, meta allura kien irrizenja l-*General Manager* ta' dak iz-zmien (li kien l-istess *General Manager* ta' meta jiena gejt kostrett nirrizenja) jiena tlabt li nigi '*reinstated'*.

4. Wara inkjesta twila li nvolvit diversi xhieda u hafna dokumenti, jien gejt *reinstated* bil-grad ta' *Manager III* – l-istess grad li kelli meta kont irrizenjajt, u dana b'sehh mill-1 ta' Jannar 1989.

5. L-ittra ta' *reinstatement* ggib id-data ta' 17 ta' Novembru 1988 kienet tghid li tali reinstatement kien qed jigi offrut a kondizzjoni li jiena nirrinunzja ghal kwalunkwe pretizi ghal …..*past remuneration, entitlement to promotions and seniority which could have occurred during the period of your resignation and your reinstatement*…

6. L-istatut tal-Pensjoni tan-*National Bank of Malta*, fl-Artikolu 15 jghid *an employee shall be entitled to a pension of two-thirds of the salary he is receiving on the date of his retirement*.

7. B'kuntratt redatt fid-8 ta' Dicembru 1983 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin gie inter alia stabilit li l-membri kollha tal-Bank of Valletta *Consolidated Staff and Windows Orphans Fund*, fl-eventwalita' li l-Pensjoni tas-Sigurta' Socjali ma kienetx tlahhaq iz-zewg terzi tal-ahhar salarju baziku, l-Bank of Valletta mpenja ruhu li jzid il-Pensjoni tas-Sigurta' Socjali biex jassikura li l-pensjonant jircievi zewg-terzi tal-ahhar salarju baziku tieghu qabel ma rtira."

Ikkunsidra li l-attur kien irrisenja mill-Bank f'Settembru 1980.

Fit-8 ta' Dicembru 1983 meta l-attur ma kienx impjegat mal-bank konvenut, l-istess konvenut iffirma kuntratt fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin ma' diversi membri.

Illi skond il-Bank billi l-attur ma kienx membru tal-Bank meta gie ffirmat dan il-kuntratt l-istess attur ma jistax jibbenefika minnhu.

Illi skond l-attur hu gie "reinstated" u ghalhekk ghandu jibbenefika minn dawk id-drittijiet kollha li kellu.

Ikkunsidra li skond l-ittra datat 17 ta' Novembru 1988 esebit a fol 17 tal-process l-attur rega gie impjegat mas-socjeta' konvenuta "on the clear understanding that you are irrevocably waiving any claim against the Bank regarding past remuneration, entitlement to promotions and seniority which could have accrued during the period between your resignation and your reinstatement, and any other claim of any nature whatsoever".

Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta tissotometti li l-attur effetivament rrinunzja ghal dritt li qieghed jippretendi.

Illi ma hemmx dubju li renunzja trid tkun specifika u ghandha tigi interpretata b'mod ristrittiv.

Illi mhux kontestat li l-attur hallas diversi ammonti in konnessjoni mal-pension fund waqt li kien impjegat mal-National Bank. Illi qabel ma l-attur irrisenja mill-Bank kellu dritt ghal beneficju tal-pension fund izda dan id-dritt ikun applikabbli biss meta l-attur jghalaq certu zmien.

Meta l-attur gie "re-instated" ma kienx f'dak il-mument intitotlat ghal pensjoni.

Illi meta l-attur applika sabiex jerga' jidhol jahdem il-Bank it-talba tieghu gie accettat u l-attur irrinunzja ghal diversi affarjiet liema affarjiet gew elenkati : past remuneration, entitlement to promotions and seniority….and any other

claims of any nature whatsoever”. Illi t-Tribunal kien jistenna li kieku kien l-intenzjoni tal-partijiet li l-attur jirrinunzja ghal dritt li jiehu pensjoni li kien diga ta kontribut tieghu kienu isemmu specifikament li qed jirrinunzja ghal “pension fund”. Illi meta l-attur gie re-instated l-Bank konvenut kien jaf li l-attur kien ta kontribut lil pension fund u jekk l-Bank ried li l-attur jitlef d-dritt eventwali tieghu l-istess Bank kellu isemmi dan il-fatt.

Illi skond il-Bank l-attur ma jistax jibbenifika mill-kuntratt li sar fis-17 ta’ Novembru 1988 ghaliex f’dik il-gurnata l-attur ma kienx impjegat tal-bank u lanqas firmatarju tal-kuntratt. Illi fil-fatt l-attur kien membru tal-“Consolidated Staff and Widows and Orphans Pension Fund” meta kien impjegat ta’ The National Bank of Malta u susegwentement The Bank of Valletta. Dak il-fond kien jistabillixxi d-dritt ghall-pensjoni tal-impjegati. Illi meta l-fond gie likwidat l-Bank ma setax, minghajr il-kunsens tal-attur, unilateralment jiddeciedi li l-attur li kellu dritt li eventwalment jibbenifika mill-fond jitlef dak id-dritt.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta u jilqa’ t-talba tal-attur u jikkundanna lil Bank of Valletta Plc biex ihallas l-ammont ta’ Lm213.85 (mitejn u tlettax il-lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) lil attur liema ammont huwa dovut in konnessjoni max-xahar ta’ Frar 2002 bhala zieda mal-pensjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------